

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

(1) L-ewwel motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni wettqet żbalji ta' liġi u ta' fatt, u naqset milli tikkunsidra elementi rilevanti għall-iskala tat-telf possibbli għall-fondi tal-UE, fir-rigward tar-riskju għal tali fondi minħabba nefqa fis-snin tat-talba 2007 u 2008 b'mod partikolari li jirriżulta minn żbalji fl-istabbiliment ta' żona eliġibbli fl-2005 li jaffettwa l-allokkazzjoni inizjali ta' drittijiet.

(2) It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni wettqet żbalji ta' liġi u ta' fatt, meta l-Kummissjoni kkonkludiet b'mod żbaljat li n-Northern Ireland Department of Agriculture and Rural Development (iktar 'il quddiem id- "DARD") naqas milli japplika, b'mod korrett jew b'ebda mod, dispożizzjonijiet dwar sanzjonijiet, ħlas lura ta' ħlasijiet indebiti u nuqqas ta' konformità intenzjonata, u li l-Kummissjoni b'hekk sovravalutat u/jew naqset milli tikkunsidra elementi rilevanti għall-iskala tat-telf possibbli għall-fondi tal-UE. B'mod partikolari, il-Kummissjoni:

— ikkritikat b'mod żbaljat allegat kalkolu mill-ġdid "sistemmatiku" ta' drittijiet ta' ħlas minn DARD;

— sostniet b'mod skorett li żbalji fl-2005 seta' jkollhom effetti materjali fuq l-element storiku tal-valur tad-drittijiet;

— adottat metodu skorett tal-kalkolu tal-pagamenti żejda;

— adottat approċċ żbaljat għall-penali, b'mod partikolari billi:

— adottat metodu żbaljat għall-kalkolu tal-penali; u

— sostniet b'mod żbaljat li penali għandha tiġi imposta għal kull sena f'każijiet fejn penali kienet applikabbli fl-2005 iżda mhux fi snin sussegwenti tat-talba, f'dan il-każ fl-2007 u fl-2008, fejn pagament żejjed irriżulta mill-istess żball bħal dak ippenalizzat fl-2005;

— adottat approċċ żbaljat għal nuqqas ta' konformità intenzjonata.

**Rikors ippreżentat fid-19 ta' Novembru 2012 — Murnauer Markenvertrieb vs UASI (NOTFALL CREME)**

(Kawża T-504/12)

(2013/C 26/124)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Murnauer Markenvertrieb GmbH (Trebur, il-Ġermanja) (rappreżentanti: F. Traub u H. Daniel, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tal-20 ta' Settembru 2012, fil-Każ R 271/2012-4;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark figurattiva li tinkludi l-elementi verbali "NOTFALL CREME" għal prodotti fil-klassijiet 3 u 5 — Applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja Nru 10107134

Deċiżjoni tal-eżaminatur: applikazzjoni għal reġistrazzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) u tal-Artikolu 83 tar-Regolament Nru 207/2009

**Rikors ippreżentat fid-19 ta' Novembru 2012 — Compagnie des montres Longines, Francillon vs UASI — Cheng (B)**

(Kawża T-505/12)

(2013/C 26/125)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Compagnie des montres Longines, Francillon SA (Saint-Imier, l-Isvizzera) (rappreżentanti: P. González-Bueno Catalán de Ocón, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Xiuxiu Cheng (Budapest, l-Ungerija)

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-14 ta' Settembru 2012, Każ R 193/2012-5; u

— tikkundanna lill-konvenut u lill-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell għall-ispejjeż.